MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2011

Rikors Numru. 35/2001/1

Nutar Dottor Herbert **CASSAR**

vs

**IR-REĠISTRATUR TAL-QRATI**, l-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fil-15 ta’ Novembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talab li l-Qorti (a) ssib li huwa ġarrab diskriminazzjoni bil-liġi jew bis-sistema amministrativ li qiegħed jitħaddem dwar il-ġbir u t-tqassim tal-lista ta’ ġurati biex jaqdu fil-Qorti Kriminali u li l-liġi u t-tħaddim tal-imsemmi sistema jiksru l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta’ Malta (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Kostituzzjoni”) u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar ’il quddiem imsejħa “il-Konvenzjoni”) fid-dawl tal-artikolu 4 tal-istess Konvenzjoni; u (b) tagħtih ir-rimedji li jidhrilha xierqa, fosthom li taħfirlu l-multa li kien weħel meta naqas li jidher biex iservi bħala ġurat;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta’ Novembru, 2001, li bih qiegħdet ir-Rikors għas-smigħ tat-28 ta’ Novembru, 2001, u ordnat in-notifika lill-intimati;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati Avukat Ġenerali u Kummissarju tal-Pulizija fl-20 ta’ Novembru, 2001, li biha laqgħu għat-talbiet tar-rikorrent billi, fl-ewwel lok, qalu li l-Avukat Ġenerali ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent għaliex hu ma jindaħal xejn fil-mod kif jitħejjew il-listi tal-persuni li jiġu msejħin biex iservu ta’ ġurat, u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa’ fil-kawża. Laqgħu ukoll billi qalu li l-Qorti għandha tagħżel li ma tismax il-kawża minħabba li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedji oħrajn xierqa biex jindirizza l-ilmenti tiegħu. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma seħħ l-ebda ksur tal-artikoli 4 u 14 tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, u b’mod partikolari jwarrbu l-allegazzjoni li min jintalab jagħti s-servizz bħala ġurat ikun qiegħed ikun imġiegħel jagħmel xogħol forzat jew obbligatorju;

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimat Reġistratur tal-Qrati fil-21 ta’ Novembru, 2001, li biha laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrent billi ċaħad li hemm xi prattika diskriminatorja fil-ġbir tal-listi tal-persuni biex iservu bħala ġurati jew fil-proċedura meħuda għar-reviżjoni tal-istess listi. Żied jgħid li r-rikorrenti seta’ nqeda b’rimedju ordinarju biex jikkontesta d-deċiżjoni negattiva dwar it-talba tiegħu biex

jinħeles milli jservi bħala ġurat. Seħaq li fil-qadi ta' dmirijiet tiegħu f'dan ir-rigward, hu dejjem mexa mal-liġi u ċaħad li ħaddem xi rekwiżit li ma joħroġx mil-liġi. F'kull każ, warrab l-allegazzjoni ta' ksur ta' jedd minħabba diskriminazzjoni, fid-dawl tal-bidliet li seħħew fil-liġi bis-saħħa tal-Att IV tal-1994. Qal li jekk kemm-il darba r-rikorrent ħass li ssejjaħ ta' spiss biex iservi bħala ġurat, dan id-"diżlivell numeriku" ma jistax jittieħed bħala għamil diskriminatorju imma huwa r-riżultat ta' raġunijiet oħrajn validi. Minħabba li r-rikorrenti naqas li jinqeda bir-rimedju ordinarju li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, m'għamilx sewwa li ħa l-liġi b'idejh u ma tax każ tat-taħrika mibgħuta lilu mill-Qorti biex jersaq ħalli jagħti s-servizz tiegħu ta' ġurat. F'dan il-każ, bi tħaddim tal-artikolu 45(8) tal-Kostituzzjoni, ma jista' jitressaq l-ebda lment ta' diskriminazzjoni biex jiġġustifika għamil li jmur kontra l-liġi;

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Novembru, 2001, li bih ordnat li qabel kull ħaġa oħra kellha titqies l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Reġistratur tal-Qrati, liema ordni nbidlet b'degriet ieħor tagħha tat-8 ta' Jannar, 2003, wara li r-rikorrent talab li jirregola ruħu fir-rigward;

Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-meżż tal-affidavit;

Rat id-degriet tagħha tas-6 ta' April, 2004, li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2004, li bih u fuq talba magħmula mir-rikorrent b'rikors tiegħu tat-2 ta' Ġunju, 2004, reġgħet qiegħdet il-kawża għas-smigħ;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tal-4 ta' Frar, 2009[1], li bih iddikjarat li ngħalaq l-istadju tat-tressiq tal-provi tal-partijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq tal-avukat tal-intimati Kummissarju tal-Pulizija u Avukat Ġenerali (reġistrata)

[1] Paġ. 99 tal-proċess

waqt is-smigħ tal-10 ta' Ġunju, 2009[2], u tat lir-rikorrent żmien biex iressaq Nota ta' Sottomissjonijiet bi tweġiba;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrent fil-21 ta' Jannar, 2010[3];

Rat ir-Replika mressqa mill-imsemmija intimati fit-22 ta' Frar, 2010[4];

Semgħet is-sottomissjonijiet ulterjuri tal-avukat tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tad-9 ta' Marzu, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi b'din l-azzjoni, r-rikorrent jgħid li huwa ġarrab ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu li ma jkunx trattat b'mod diskriminatorju u li ma jkunx imġiegħel li jagħmel xogħol forzat. Dawn l-ilmenti ressaqhom fid-dawl tal-fatt li għal bosta snin ismu tqiegħed fil-listi ippubblikati minn żmien għal żmien fil-Gażżetta tal-Gvern dwar persuni msejħin biex iservu ta' ġurati fil-ġurijiet quddiem il-Qorti Kriminali, u wkoll talli ġie xi drabi msejjaħ jidher quddiem dik il-Qorti biex jagħti s-servizz tiegħu ta' ġurat, u billi, meta ma deherx, dik il-Qorti kienet immultatu u, billi baqa' ma ħallasx dik il-multa, ikkundannatu għal żmien ta' detenzjoni, bla ma tagħtu l-opportunita' li jiddefendi ruħu. Jilminta wkoll li l-mod kif kienu jinġabru l-imsemmija listi kien ħażin u diskriminatorju għaliex (i) l-għażla kienet issir fil-biċċa l-kbira minn fost persuni professjonali jew dawk li kellhom livell għoli akkademiku, (ii) ladarba isem ta' persuna kien jispiċċa fil-listi, qajla kien jitneħħa minn ġo fihom qabel ma dik il-persuna tkun waslet biex titneħħa

[2] Paġġ. 101 – 6 tal-proċess
[3] Paġġ. 110 – 6 tal-proċess
[4] Paġġ. 118 sa 122 tal-proċess

minħabba l-eta’, u (iii) l-għadd ta’ persuni rġiel fl-imsemmija listi kien eżaġerat meta mqabbel mal-għadd ta’ persuni nisa;

Illi l-intimati Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali laqgħu billi, fl-ewwel lok, qalu li l-Avukat Ġenerali ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni tar-rikorrent għaliex hu ma jindaħal xejn fil-mod kif jitħejjew il-listi tal-persuni li jiġu msejħin biex iservu ta’ ġurat, u għalhekk imissu jinħeles milli jibqa’ fil-kawża. Laqgħu ukoll billi qalu li l-Qorti għandha tagħżel li ma tismax il-kawża minħabba li r-rikorrent kellu u għad għandu rimedji oħrajn xierqa biex jindirizza l-ilmenti tiegħu. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li ma seħħ l-ebda ksur tal-artikoli 4 u 14 tal-Konvenzjoni jew tal-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, u b’mod partikolari jwarrbu l-allegazzjoni li min jintalab jagħti s-servizz bħala ġurat ikun qiegħed ikun imġiegħel jagħmel xogħol forzat jew obbligatorju. Min-naħa tiegħu, l-intimat Reġistratur tal-Qrati laqa’ għall-azzjoni tar-rikorrent billi ċaħad li hemm xi prattika diskriminatorja fil-ġbir tal-listi tal-persuni biex iservu bħala ġurati jew fil-proċedura meħuda għar-reviżjoni tal-istess listi. Żied jgħid li r-rikorrenti seta’ nqeda b’rimedju ordinarju biex jikkontesta d-deċiżjoni negattiva dwar it-talba tiegħu biex jinħeles milli jservi bħala ġurat. Seħaq li fil-qadi ta’ dmirijiet tiegħu f’dan ir-rigward, hu dejjem mexa mal-liġi u ċaħad li ħaddem xi rekwiżit li ma joħroġx mil-liġi. F’kull każ, warrab l-allegazzjoni ta’ ksur ta’ jedd minħabba diskriminazzjoni, fid-dawl tal-bidliet li seħħew fil-liġi bis-saħħa tal-Att IV tal-1994. Qal li jekk kemm-il darba r-rikorrent ħass li ssejjaħ ta’ spiss biex iservi bħala ġurat, dan id-“diżlivell numeriku” ma jistax jittieħed bħala għamil diskriminatorju imma huwa r-riżultat ta’ raġunijiet oħrajn validi. Minħabba li r-rikorrenti naqas li jinqeda bir-rimedju ordinarju li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, m’għamilx sewwa li ħa l-liġi b’idejh u ma tax każ tat-taħrika mibgħuta lilu mill-Qorti biex jersaq ħalli jagħti s-servizz tiegħu ta’ ġurat. F’dan il-każ, bi tħaddim tal-artikolu 45(8) tal-Kostituzzjoni, ma jista’ jitressaq l-ebda lment ta’ diskriminazzjoni biex jiġġustifika għamil li jmur kontra l-liġi;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrent huwa nutar pubbliku. Laħaq nutar fl-1976. Sa mill-1979 ismu kien jidher fuq il-lista ta' persuni biex iservu ta' ġurati fil-Qorti Kriminali li tkun ippubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern. L-ismijiet li jiddaħħlu fil-listi jintgħażlu minn Bord magħmul minn persuni differenti li, darbtejn fis-sena, jibnu l-listi tal-ġurati[5]. Fost il-persuni li jkun hemm fuq l-imsemmi Bord, hemm il-Kummissarju tal-Pulizija jew rappreżentant tiegħu, li r-rwol tiegħu huwa dak li jara jekk mill-ismijiet tal-persuni magħżulin ikunux persuni xierqa li jservu ta' ġurati skond ma titlob il-liġi[6]. F'Lulju tal-1981 ismu tela' l-ewwel darba fil-listi għal dak ix-xahar u ntbagħtitlu notifika. Isem ir-rikorrent baqa' jidher fil-listi tal-ġurati ordinarji regolarment sa Marzu tal-2001, b'dan illi fil-każ ta' Marzu tal-1988 u Marzu tal-1995 ismu kien jagħmel mil-lista ta' ġurati speċjali[7];

Illi r-rikorrent serva bħala ġurat supplenti f'Jannar tal-1983. Ismu reġa' ttella' l-ewwel darba biex iservi f'ġuri f'Jannar tal-1999. Ma kienx deher meta ssejjaħ u kien immultat mitt lira Maltin (Lm 100)[8]. Ismu reġa' tela' f'Marzu tal-2001 biex jagħmilha ta' ġurat f'ġuri ieħor tul dak ix-xahar. Naqas li jidher fis-smigħ tas-7 ta' Marzu, 2001, u l-Qorti Kriminali immultatu tlitt mitt lira (Lm 300). Ma ħallasx il-multa u r-Reġistratur tal-Qorti Kriminali ressaq talba lil dik il-Qorti għall-bdil tal-multa f'detenzjoni;

Illi fil-15 ta' Novembru, 2001, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża. L-għada, l-Qorti Kriminali tat degriet[9] li bis-saħħa tiegħu ikkonfermat il-kundanna tar-rikorrent għad-disprezz, iżda naqqset il-multa għal għoxrin lira Maltin (Lm 20) li kienu jinbidlu f'erbat ijiem ta' priġunerija jekk kemm-il darba ma jitħallsux;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet legali marbutin mal-ilment tar-rikorrent xieraq li jingħad li t-talbiet tar-rikorrent iduru mal-mod kif jinġabru u jinżammu l-listi ta' persuni msejħin biex jaqdu s-servizz ta' ġurati (huwa

---

5 Art. 605 tal-Kap 9
6 Xhieda tas-Suprintendent Peter Paul Żammit 28.2.2007, f'paġ. 87 tal-proċess
7 Dok "JSA", f'paġ. 40 tal-proċess
8 Xhieda ta' Joseph Sammut 20.10.2005, f'paġġ. 42 – 3 tal-proċess
9 Dok "FB1", f'paġ. 14 tal-proċess

jsejħilha "prassi amministrattiva") u mhux ukoll dwar is-siwi tad-dispożizzjonijiet tal-liġi maħsuba biex isir dan. Minbarra dan, l-ilmenti tar-rikorrent iridu jitqiesu wkoll fid-dawl taċ-ċirkostanzi li kienu jeżistu fiż-żmien li seħħew il-ġrajjiet li għalihom jirreferu, għaliex ma hemm l-ebda dubju li, mal-medda taż-żmien, seħħew bidliet li tejbu x-xenarju kollu b'mod estensiv. Madankollu, xi elementi partikolari tal-każ jibqgħu ta' siwi attwali sal-lum, magħduda fosthom konsiderazzjonijiet dwar in-natura tas-sejħa ta' persuna, hi min hi, biex tagħti s-servizzi tagħha bħala ġurat quddiem il-qrati f'Malta;

Illi, minbarra dan, iż-żewġ partijiet jidher li xtaqu li l-mixi 'l quddiem ta' din il-kawża jistenna l-eżitu tal-kawża miftuħa minn Maurice Żarb Adami kontra Malta fil-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem[10], li kienet tolqot kwestjoni li tixbah lil din tar-rikorrent f'din il-kawża;

Illi, kif ingħad, ir-rikorrent ressaq l-ilmenti tiegħu taħt żewġ jeddijiet – dak li jitkellem dwar xogħol forzat u dak li jitkellem dwar diskriminazzjoni. Tal-ewwel sejsu biss fuq id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni, filwaqt li tat-tieni bnih kemm fuq id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u kif ukoll fuq dawk tal-Konvenzjoni. Il-Qorti sejra tqishom f'din l-ordni;

Illi **dwar l-ilment tar-rikorrent taħt l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni** jibda biex jingħad li huwa jqis li l-fatt li ismu tqiegħed fuq il-lista ta' persuni biex iservu ta' ġurati u baqa' jidher minn sena għal sena bla ma tneħħa jikkostitwixxi sejħa għal xogħol furzat, għal kollox kontra r-rieda tiegħu. Huwa jgħid li fuq medda ta' erbgħa u għoxrin sena, issejjaħ bosta drabi biex iservi ta' ġurat, xi drabi mat-tliet darbiet kull sena. Ir-rikorrent jilminta li kull darba li ssejjaħ kien iħalli x-xogħol professjonali tiegħu ta' nutar, jitlaq kollox minn idejh minkejja li ż-żmien jagħfas biex itemm ix-xogħol li jkun tqabbad jagħmel u jqatta' ħafna ħin kull xahar jistenna f'każ li jittella' ismu biex iservi. Huwa jqis li s-servizz ta' ġurat m'huwiex biss obbligu ċivili iżda wkoll piż ("oneru enormi") li jgħabbi lill-

[10] Applik. 17209/02 (maqtugħa fl-**20.6.2006**)

persuna magħżula li titlaq xogħolha u li jkollha "tisma' l-fatti quddiem u 'tiġġudika' l-innoċenza o meno ta' numru ta' imputati"[11];

Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jisħqu li baqgħu mistagħġba kif ir-rikorrent ressaq ilment dwar ksur tal-artikolu 4 dwar is-sejħat biex jidher bħala ġurat, meta dak l-istess artikolu jagħmilha ċara li "xogħol jew servizz li jifforma parti mill-obbligi ċiviċi normali"[12] ma jikkostitwux xogħol furzat. Huma jqisu x-xogħol ta' ġurat bħala "dmir u dover ta' kull ċittadin u dan bħala servizz għall-amministrazzjoni tal-ġustizzja"[13];

Illi l-kunċett konvenzjonali ta' xogħol furzat ittieħed mit-tifsira ta' waħda mill-Konvenzjonijiet tal-Organiżżazzjoni Dinjija tax-Xogħol (I.L.O.) tal-Ġnus Magħquda. F'dak il-qafas, 'xogħol imġiegħel jew furzat' tfisser "*all work or service which is exacted from any person under the menace of a penalty and for which the said person has not offered himself voluntarily*"[14]. Kemm il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem[15] u kif ukoll il-Qrati tagħna, mxew ma' l-imsemmija tifsira biex qiesu jekk xi servizz jew xogħol partikolari kienx wieħed furzat[16]. Jidher ukoll li l-kejl ta' x'inhu "xogħol furzat" jitqies min-natura involontarja tax-xogħol li jintalab li jsir u li fil-biċċa l-kbira jkun mistenni għal żmien li jagħlaq u inċidentali għax-xogħol l-ieħor li wieħed normalment iwettaq, u kif ukoll mir-rabta li dak ix-xogħol ikun inġust jew oppressiv jew li jġib miegħu ħsara li ma jmisshiex issir;

Illi l-artikolu 4 tal-Konvenzjoni jgħabbi Stat firmatarju mhux biss b'obbligu negattiv li ma jitlobx ix-xogħol furzat minn individwi, iżda b'obbligu pożittiv li ma jħallix persuni jġiegħlu lil oħrajn biex iwettqu dik l-għamla ta' xogħol[17].

---

[11] Paġ. 114 tal-proċess
[12] Art. 4(3)(d) tal-Konvenzjoni
[13] Paġ. 120 tal-proċess
[14] Art 2 tal-Konvenzjoni tal-1930 dwar Xogħol Furzat jew Imġiegħel (Konv. 29)
[15] Ara, per eżempju, Kumm.E.D.B. **11.12.1976** fil-każ fl-ismijiet ***X & Y vs Repubblika Federali tal-Ġermanja*** (Applik. 7641/76) § 230
[16] Ara, per eżempju, P.A. (Kost.) **21.3.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Ġorġ Mula vs Onor. Ministru tal-Kummerċ et*** (mhix pubblikata) u Kost. **30.11.1977** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr. Walter Cuschieri et vs Onor. Prim Ministru noe*** (Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 78 Għ.S.L. , Vol II, paġġ. 591 – 3)
[17] Harris, O'Boyle & Warbrick *Law of the European Convention on Human Rights* (1995), paġ. 93

Madankollu, dak l-artikolu jippermetti wkoll eċċezzjonijiet għal xogħol li m'għandux jitqies bħala wieħed furzat għall-finijiet tal-Konvenzjoni. Fost dawn l-eċċezzjonijiet, wieħed isib dak ix-xogħol jew servizz li jifforma parti mill-obbligi ċiviċi normali, li jirreferi għall xogħol jew servizz fl-interess tal-kollettivita' li ma jkunx inġab b'riżultat ta' xi ġrajja urġenti jew mhux mistennija. "*The formulation of the provision does not exclude special duties for particular professions in the public interest. In fact, the word 'normal' does not necessarily refer to what may be required equally of everyone, but may also relate to what in the given circumstances may be required of the person in question according to general usage*"[18]. Huwa miżmum ukoll li l-eċċezzjonijiet fl-artikolu 4(3) tal-Konvenzjoni m'humiex maħsuba li jrażżnu t-tħaddim tar-regola fl-artikolu 4(2), iżda li jistabilixxu l-parametri għat-tħaddim tiegħu[19];

Illi meta l-Qorti tqabbel il-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru maċ-ċirkostanzi li minnhom jilminta r-rikorrent, tasal għall-fehma li ma jirrizultax li seħħ ksur tal-jedd tiegħu biex ma jkunx imġiegħel jagħmel xogħol furzat. Fl-ewwel lok, is-servizz mitlub minn ċittadin biex jagħmilha ta' ġurat huwa wieħed bla ebda dubju fejjiedi għal soċjeta' demokratika mibnija fuq is-saltna tad-dritt f'dak li jirrigwarda l-amministrazzjoni tal-proċess ġudizzjarju xieraq. Fit-tieni lok, fuq medda ta' erbgħa u għoxrin sena li isem ir-rikorrent kien jidher fuq il-listi tal-ġurati, issejjaħ biex iservi tliet darbiet biss, u minnhom serva darba waħda (bħala ġurat supplenti) għaliex fid-darbtejn l-oħrajn ma ippreżentax ruħu u kien immultat minħabba tali nuqqas. Fl-għoxrin xahar b'kollox li ismu deher fuq il-lista ta' ġurati (u li ismu ma telax biex jagħti s-servizz), ma hemmx dubju li kien hemm drabi meta jkunu ħarġu avviżi minn qabel biex il-persuni msejħa ma jkollhomx għalfejn jippreżentaw irwieħhom quddiem il-Qorti. Fit-tielet lok u fid-dawl tal-fatti li għadhom kemm issemmew, il-Qorti temmen li d-drabi li fihom isem ir-rikorrent deher fuq il-lista iżda ma telax biex iservi bħala ġurat ma jistgħux jitqiesu li

[18] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak <u>*Theory & Practice of the European Convention on Human Rights*</u> (4th Edit), paġġ. 452 – 3
[19] Q.E.D.B. **23.11.1983** fil-kawża fl-ismijiet ***Van der Mussele vs Belġju*** (Applik. Nru. 8919/80) § 38

kienu drabi fejn intalab jagħmel xogħol furzat. It-tismija waħedha ta’ isem ta’ persuna fuq il-listi tal-ġurati bla ma jkun hemm sejħa għal servizz attwali ma tistax titqies bħala twettiq ta’ xogħol furzat;

Illi għalhekk, għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jedd tiegħu taħt l-artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni li ma jkunx imġiegħel jagħmel forzat, u m’hijiex sejra tilqa’ t-talba tiegħu taħt din il-kawżali;

Illi **dwar l-ilment tar-rikorrent taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni** jidher li r-rikorrent jibnih fuq bosta kawżali. Jibda biex jgħid li sseħħ diskriminazzjoni kontrih (i) minħabba li ismu ddaħħal fil-lista tal-ġurati u baqa’ jissemma sena wara l-oħra għaliex billi l-ismijiet li jidħlu fil-lista ma jitneħħewx u jibqgħu jiżdiedu oħrajn magħhom bla ma jitneħħew dawk qodma; (ii) minħabba li l-listi jiġbdu lejhom nies li “kellhom l-opportunita’ li jirċievu livell ta’ edukazzjoni u nies li għandhom xi professjoni” bi preferenza għal dawk li m’għandhomx livell għoli ta’ edukazzjoni jew li m’humiex professjonisti, jew billi professjonisti oħrajn bħalu ma jiddaħħlu qatt fuq tali listi; u (iii) minħabba li l-listi jxaqilbu favur l-għażla ta’ rġiel aktar milli n-nisa, li, biex jidħlu fihom, iridu japplikaw, filwaqt li l-irġiel jiddaħħlu bla ma jintalbu jridux li isimhom jitqiegħed fuq dawk il-listi;

Illi f’dan ir-rigward tajjeb li jingħad li, minkejja li s-servizz ta’ ġurat quddiem il-Qorti Kriminali jitqies bħala wieħed li għalih jgħodd l-artikolu 4(3)(d) tal-Konvenzjoni, b’daqshekk biss ma jfissirx li jkun kif ikun il-mod kif jinġabru l-listi tal-ġurati, dan jibqa’ ġustifikat u kollox jibqa’ sew. Kemm hu hekk huwa mgħallem li “*a practice based on any of the above-mentioned exceptions* (i.e. taħt l-art. 4(3) tal-Konvenzjoni) *loses its permissible character if it involves discrimination. By virtue of article 14 it then resumes the character of compulsory labour contrary to the Convention*”[20];

[20] Van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak, *op. cit.* paġ. 453

Illi għalhekk il-Qorti trid tara jekk huwiex minnu li saret diskriminazzjoni mar-rikorrent. F'dan ir-rigward, il-Qorti sejra toqgħod fuq dak li l-Qorti ta' Strasbourg sabet fil-każ ta' wieħed mill-ilmenti mressqa mill-applikant Maurice Żarb Adami. Dak l-ilment – jiġifieri dwar kif il-listi ta' ġurati kienu jxaqilbu bil-qawwi biex jissejħu rġiel wisqa aktar minn nisa – nstab li kien mistħoqq[21]. Din il-Qorti m'għandhiex il-ħsieb li toqgħod ittenni r-raġunament ta' dik il-Qorti, li hija taqbel miegħu, iżda qiegħda tirreferi għalih biss u tagħmlu tagħha;

Illi dawn il-fehmiet kienu jgħoddu għal biċċa l-kbira miż-żmien li matulu isem ir-rikorrent kien jidher fuq il-listi ta' persuni msejħa biex iservu ta' ġurati. Minbarra dan, il-Qorti Kostituzzjonali kienet għarfet dn l-anomalija u, għalkemm ma kinitx sabet favur it-teżi tar-rikorrent appellant, kienet hija stess li irrakkomandat li jinbidel sewwa s-sistema ta' kif jinġabru l-listi, għal dak li jirrigwarda persuni ta' kull sess[22]. F'dan il-kuntest, din il-Qorti tosserva bss li jirriżulta wkoll bħala fatt, li, ftit żmien wara u f'xi żmien wara li l-Qorti fi Strasbourg kienet tat id-deċiżjoni tagħha f'dan ir-rigward, il-leġislatur għamel bidliet estensivi fil-liġi. Bħala prattika kien hemm firxa usa' u iżjed bilanċjata ta' kif jintgħażlu l-persuni biex jagħmlu parti mil-listi u minn liema oqsma tal-ħajja jintgħażlu[23]. Il-Qorti terġa' ttenni li l-ilment tar-rikorrent kellu tabilfors jitqies fil-qafas kronoloġiku li kien jeżisti fiż-żmien li dwaru ressaq l-ilment tiegħu. Il-bdil u t-titjib li sar fis-sistema ma jistax jgħin biex jitfi t-trattament diskriminatorju li r-rikorrent u oħrajn bħalu ġarrbu qabel ma sar tali titjib u tibdil;

Illi ladarba l-Qorti qiegħda tasal għall-fehma li r-rikorrent ġarrab trattament diskriminatorju fuq din il-kawżali partikolari, mhux meħtieġ li tgħaddi biex toqgħod tqis ukoll jekk kemm-il darba ġarrabx trattament diskriminatorju fuq kawżali oħrajn. Lanqas ma jidhrilha li għandha għalfejn tistħarreġ l-ilment taħt l-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;

---

[21] Q.E.D.B. **20.6.2006** fil-kawża ***Żarb Adami vs Malta*** (Applik. Nru. 17209/02) §§ 71 sa 83

[22] Kost. **2.11.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Reġistratur tal-Qrati vs Żarb Adami*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.291**)

[23] Xhieda tas-Suprintendent Peter Paul Żammit 28.2.2007, f'paġġ. 88 sa 91 tal-proċess

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' t-talba tar-rikorrent safejn l-ilment tiegħu huwa mibni fuq trattament diskriminatorju taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-artikolu 4(3)(d) tal-istess;

Illi **għar-rigward tat-talba tar-rikorrent għat-tħassir tal-multa li weħel** il-Qorti jidhrilha li t-talba ma tistax tintrabat bl-ebda mod mas-sejbien ta' diskriminazzjoni li huwa seta' ġarrab kif fuq ingħad. Huwa aċċettat li l-kundanna tal-ħlas ta' multa għal min ma jidhirx meta msejjaħ biex jagħti s-servizz ta' ġurat hija sanzjoni stabilita b'liġi u dwarha l-istess liġi tagħmel proċediment ukoll għal smigħ jew dehra quddiem qorti kompetenti biex tkun kontestata u jekk ikun il-każ maħfura, jekk kemm-il darba tingħata raġuni tajba[24]. Fit-tieni lok, l-imsemmija multa jbatiha kull min jonqos bla raġuni tajba li jidher quddiem il-Qorti kompetenti meta jkun imsejjaħ jidher biex jagħti s-servizz ta' ġurat u wara li isem dik il-persuna jkun tela' bil-metodu maħsub fil-liġi. Fit-tielet lok, l-impożizzjoni tal-multa fuq min jonqos li jidher meta msejjaħ tagħmel parti mill-eċċezzjoni maħsuba fl-artikolu 4(3)(d) tal-Konvenzjoni billi għandha rabta essenzjali mal-għoti tas-servizz ta' ġurat, liema servizz fih innifsu jikkostitwixxi obbligu ċiviku normali[25]. Fir-raba' lok, dak li ġara lir-rikorrent ġabu b'idejh, għaliex jirriżulta li seta' u messu nqeda bir-rimedju li tagħtih il-liġi biex jilħaq minn qabel jgħarraf il-Qorti bir-raġunijiet tajbin li kellu biex ma jidhirx quddiemha meta ssejjaħ. Kemm hu hekk, dan kollu qalitu l-Qorti Kriminali fid-degriet tagħha tas-16 ta' Novembru, 2001, meta naqqset il-multa li r-rikorrent kien weħel meta ma deherx[26];

Illi, fl-aħħarnett, **għal dak li jirrigwarda l-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Avukat Ġenerali** jidher li din l-eċċezzjoni hija tajba. Huwa jgħid li bl-ebda mod ma huwa l-leġittimu kontradittur tal-ilmenti tar-rikorrent għaliex la kien responsabbli għall-ġbir tal-listi u lanqas bl-ebda mod ma ndaħal fil-proċess tal-għażla jew is-sejħa tal-persuni biex iservu bħala ġurati. Fuq kollox, ladarba r-rikorrent ma qiegħed isejjes l-ilmenti tiegħu fuq l-ebda

[24] Art. 609 tal-Kap 9
[25] Q.E.D.B. **20.6.2006** fil-kawża ***Żarb Adami vs Malta*** (Applik. Nru. 17209/02) § 47
[26] Ara paġ. 15 tal-proċess

impunjazzjoni ta' liġi, huwa m'għandu l-ebda *locus standi* f'din il-kawża, ukoll meta wieħed iqis id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 181B(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi l-imsemmi artikolu 181B(2) jipprovdi li l-Avukat Ġenerali jidher għall-Gvern f'dawk l-atti u kawżi li, minħabba n-natura tat-talba, ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern;

Illi dwar dan, illum hu stabilit li l-Qrati tagħna għarfu kategoriji differenti ta' persuni li jistgħu jitqiesu bħala leġittimi kuntraditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jiġifieri (a) dawk li jridu jwieġbu direttament jew indirettament għall-għamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jagħmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) għan-nuqqasijiet jew l-egħmejjel li bihom ħaddieħor jikser xi jedd fundamentali ta' xiħadd, u (ċ) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti[27]. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappreżentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni[28];

Illi fil-każ li għandna quddiemna r-rikorrent bl-ebda mod ma qiegħed jattakka xi liġi bħala r-raġuni li minnha jinħoloq l-ilment tiegħu dwar xi ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu. F'dik l-ipoteżi, il-Gvern ikun irid iwieġeb u jirrimedja u f'dan ir-rigward l-ebda kap ta' dipartiment ma jista' jidħol minflok il-Gvern li jirrappreżenta. F'dan il-każ, l-ilment ta' r-rikorrent huwa wieħed mibni fuq l-imġiba tal-persuni maħtura bil-liġi biex jiġbru u jgħarblu l-lista ta' persuni msejħa biex iservu ta' ġurati u dawk li minn żmien għal żmien iwettqu dawk is-sejħat. F'dan kollu, l-intimat Avukat Ġenerali ma kellu l-

[27] Kost. **7.12.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela vs Onor. Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXIV.i.261**); u Kost. **6.8.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Kummissarju tal-Pulizija et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.56**)

[28] P.A. Kost. RCP **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat et vs Avukat Ġenerali et***

ebda sehem fiż-żmien rilevanti li dwaru r-rikorrent jgħid li ġarrab il-ksur tal-jeddijiet fundamentali tiegħu;

Illi huwa minnu li **llum** l-intimat Avukat Ġenerali jew rappreżentant tiegħu huma fost il-persuni li l-artikolu 605(1) isemmi bħala dawk li huma mqabbda biex jiġbru l-listi tal-ġurati. Iżda dan ilu hekk biss sa mill-2006, meta nbidel l-imsemmi artikolu bis-saħħa tal-artikolu 18 tal-Att XVI tal-2006, u dak iż-żmien din il-kawża kienet ilha żmien twil li tressqet. Mill-bqija, dak li jilminta minnu r-rikorrent jaqa' fil-mansjonijiet taż-żewġ intimati l-oħrajn li, għal kull fini jidhru għall-Istat u bihom fil-kawża l-ġudizzju huwa sħiħ;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-intimat Avukat Ġenerali, tqis li ma kienx hemm għalfejn jitħarrek ukoll, u sejra teħilsu milli jibqa' fil-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-intimat Avukat Ġenerali, billi ssib li m'huwiex il-kontradittur leġittimu tal-pretensjonijiet tar-rikorrent, u għalhekk teħilsu milli jibqa' fil-kawża bi spejjeż għall-istess rikorrent;

**Tiċħad l-ewwel talba attriċi** safejn l-ilment jinbena fuq ksur tal-artikolu 4 tal-Konvenzjoni, u dan għaliex ma jirriżultax li r-rikorrent kien imġiegħel jagħmel xogħol forzat kif mifhum fl-istess Konvenzjoni, u **tilqa' l-eċċezzjonijiet** tal-intimati safejn jirrigwardaw din it-talba;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** safejn l-ilment jinbena fuq ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni marbut mal-artikolu 4(3)(d) tal-istess, u dan għaliex issib li r-rikorrent ġarrab trattament diskriminatorju bil-mod kif, fiż-żmien rilevanti, kienu jinġabru u jinżammu l-listi tal-persuni msejħa biex iservu ta' ġurati quddiem il-Qorti Kriminali;

**Tiddikjara** li s-sejbien u d-dikjarazzjoni tal-ksur tal-jedd tar-rikorrent li ma jkunx diskriminat huwa, fiċ-ċirkostanzi

tal-każ, rimedju xieraq għall-ilment tiegħu u, b'mod partikolari, **ma tilqax it-talba** tiegħu biex titħassar il-multa inflitta fuqu mill-Qorti Kriminali, billi dak li wassal biex ir-rikorrent jitwaħħal dik il-multa ma huwa bl-ebda mod ir-riżultat ta' xi trattament diskriminatorju;

**Tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħrajn** kollha tal-intimati bħala m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt, safejn jirigwardaw l-ilment tar-rikorrent dwar trattament diskriminatorju; u

**Tikkundanna** lill-intimati jħallsu l-**ispejjeż tal-kawża**, flimkien u solidalment bejniethom, ħlief dawk relattivi għall-intimat Avukat Ġenerali, li għandu jbatihom ir-rikorrent, kif fuq ingħad.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------